

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrenti: Grima Janet Nisttahuz Poclava

Konvenut: Jose María Ariza Toledano

**Dispożittiv**

Il-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex ġurisdizzjoni sabiex tirrispondi għad-domandi magħmula mill-Juzgado de lo Social Nru 23 de Madrid (Spanja), permezz tad-deċiżjoni tal-4 ta' Marzu 2014.

(<sup>1</sup>) ĠU C 151, 19.05.2014.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tal-5 ta' Frar 2015 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju tal-Belġju**

(Kawża C-317/14) (<sup>1</sup>)

(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Artikolu 45 TFUE — Regolament (UE) Nru 492/2011 — Moviment liberu tal-ħaddiema — Access għall - impjegi — Servizz pubbliku lokali — Konnoxxenzi lingwistiċi — Modalità ta' prova)

(2015/C 107/18)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Partijiet**

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Enegren u D. Martin, aġenti)

Konvenut: Ir-Renju tal-Belġju (rappreżentanti: L. Van den Broeck, J. Van Holm u M. Jacobs, aġenti)

**Dispożittiv**

- 1) Billi rrikjeda mill-kandidati għall-postijiet fid-dipartimenti lokali stabbiliti fir-reġjuni tal-lingwa Franċiża jew tal-lingwa Ġermaniża, li fir-rigward tagħhom ma jkunx jirriżulta mid-diplomi jew miċ-ċertifikati rikjesti li huma segwew it-tagħlim bil-lingwa kkonċernata, li huma jipproduċu l-prova tal-konnoxxenzi lingwistiċi tagħhom permezz ta' tip wieħed ta' ċertifikat, maħruġ esklużivament minn organu uffiċjali Belġjan wieħed wara eżami organizzat minn dan l-organu fit-territorju Belġjan, ir-Renju tal-Belġju naqas mill-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 45 TFUE u r-Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' April 2011, dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni.
- 2) Ir-Renju tal-Belġju huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 303, 08.09.2014.

---

**Appell ippreżentat fit-2 ta' Lulju 2014 minn Galina Meister mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) fil-5 ta' Diċembru 2013 fil-Kawża T-390/13, Galina Meister vs Il-Kummissjoni Ewropea**

(Kawża C-327/14 P)

(2015/C 107/19)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

Appellanti: Galina Meister (rappreżentant: W. Becker, avukat)

Parti oħra fil-proċedura: Il-Kummissjoni Ewropea